**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta mizmuma llum l-Erbgha, 19 t' April 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs**

**Adnan Haj Habbo**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Adnan Haj Habbo ta' 32 sena, iben Hamid Haj Habbo u Miriam Haj Habbo, imwieled gewwa s-Syria nhar il-5 t'Awwissu 1989 u residenti gewwa 15, Triq Britannja, Paola u detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 0104112A

Akkuzat talli nhar il-5 ta' Gunju 2022 u fil-granet, u fix-xhur ta' qabel f'diversi hinijiet u f'diversi postijiet gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin ripetutament fi żminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda

1. Ikkaġuna lill-eks siehba tiegħu u ċioe' Frances Pace fastidju ghal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u li tali fastidju sar b'mod li jammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi

2. Ikkaġuna lill-eks siehba tiegħu u ċioe' Frances Pace, fastidju ghal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali.

U iktar talli fil- 5 ta' Gunju 2022 gewwa l-Imsida:

3. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura ta' l-ghamla Mitsubishi L200 Elegance Di-D D/C A ta' lewn 'silver' u b'numru ta' registrazzjoni ACC501, u liema ħsara ma tiskorrix l-ammont ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500), izda li hija izjed mill-ammont ta' mitejn u hamsin euro (€250) u dan għad-dannu ta' l-eks siehba tieghu u cioe' Frances Pace.

4. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluz fil-mori tal-kawza kontra Adnan Haj Habbo a beneficcju ta' Frances Pace u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuna ta' Frances Pace u l-familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Adnan Haj Habbo b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill- Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imsemmi Adnan Haj Habbo sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li dawn il-proceduri jsiru bil-procedura sommarja.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2022 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

5. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' erba' snin u seba' xhur prigunerija u multa ta' ghaxart elef euro, kif ukoll jigi kkundannat ihallas id-danni li kkaguna u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

6. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u l-imputat wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

7. Semghet ix-xhieda tal-ufficjal tal-probation Mary Rose Farrugia u rat il-*pre-sentencing report* taghha fil-konfront tal-imputat.

8. Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

10. Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija, u ghalhekk ma heliex il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni. Pero, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll tal-fatt li huwa irregistra din l-

ammissjoni ghax inzerta li persuna li kienet ghaddejja mill-akwati, haditlu video ikisser il-hgieg tal-karozza u ghaddiet dan il-video b'mod konfidenzjali lill-Pulizija. Fil-fatt fl-istqarrija tieghu, l-imputat cahad li kisser il-hgieg tal-karozza, u lanqas wara li gie muri l-video ma ammetta li l-persuna li kienet tidher fil-video kien hu stess. Ghaldaqstant, huwa car li l-imputat irregistra ammissjoni biss ghaliex sab ruhu daru mal-hajt konsegwenza ta' dan il-video.

11. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll li l-fedina penali tal-imputat ghandu kundanna wahda ghal ksur tal-ligijiet dwar is-sewqan.

12. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li wara l-ammissjoni tieghu, l-imputat xtaq ihallas ghal hsara li ghamel lill-vettura tal-vittma. Pero sorprendentement, fil-mori ta' dawn il-proceduri il-vittma ipprezentat lill-Ufficjal Prosekutur stima ghal karozza li hi ta' tmint elef u erba' u disghin Euro u tmenin centezmu (€8,094.80) li jinkludu diversi hsarat ohra apparti l-ksur tal-hgieg tal-vettura. Fil-video jidher car li l-imputat kisser biss il-hgieg tal-vettura inkluz il-windscreen u ma ghamel l-ebda hsara ohra, u allura dan l-ammont huwa totalment eccessiv, apparti milli jmur oltre mill-ammont ta' hsara li huwa kien diga ammetta li ikkaguna.

13. L-Ufficjal tal-Probation ikkonkludiet ir-rapport taghha hekk:

*"Pjan ta' Kura*

*Mill-indagni li saru ghal dan ir-rapport johrog li Adnan Haj Habbo isibha difficli sabiex jaccetta li r-relazzjoni tieghu ma' Frances Pace spiccat. Dan il-fatt wassal sabiex jezercita imgieba mhux accettabbli, aggressiva u vjolenti li wasslitu sabiex jaghmel ir-reat li wettaq bil-konsegwenzi kollha li gab mieghu. Ma' dan ghandu jkun mizjud dak li qalet l-Ispettur Micallef li hu ossessjonat bi Francis kif ukoll li l-abbuz mill-alkohol izid il-problema. Ghandu jkun innutat ukoll li, l-ewwel ezami kontra l-abbuz mid-droga li sarlu gwwa l-Facilita ghas-Servizzi Korrettivi rrizulta fil-pozittiv ghas-sustanza kokaina.*

*Rakkomandazzjoni*

*Għaldaqstant, fuq il-punti fuq imsemmija jidher li sabiex dan il-għan jintlaħaq hu suġġerit lil din l-Onorabbli Qorti li Adnan Haj Habbo ikun f'ambjent ikkontrollat u jingħata sentenza karċerarja. Kif ukoll li jkun irrakkomandat lid-Direttur tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi sabiex jipprovdi kull għajnuna li jinħtieġ lil Aidnan Haj Habbo halli jkunu indirizzati l-problemi li għandu mod speċjali fejn tidħol ossessjoni fuq Frances Pace kif ukoll inkorraġit li jagħmel programm kontra l-użu minn sustanzi illeċiti."*

14. Il-Qorti ikkonsidrat li l-imputat m'ammettiex biss li kisser l-ħġieġ tal-vettura tal-parti offiża, iżda wkoll ta' episodji differenti ta' fastidju lill-parti offiża kif ukoll ta' segwiment bil-moħbi tal-parti offiża. Jirriżulta wkoll li l-imputat għandu problema ta' abbuż ta' alcohol, apparti li ġieli jabbuża mid-droga kokaina. Mill-provi prodotti huwa ovvju li l-imputat qed isibha diffiċli jaċċetta li r-relazzjoni tiegħu mal-parti offiża spiċċat, u l-aġir tiegħu huwa mhux biss inaċċettabli iżda wkoll aggressiv u vjolenti. Għaldaqstant, il-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Uffiċjal tal-Probation li huwa fl-interess tas-soċjeta, apparti ovvjament tal-parte offiża, li l-imputat jindirizza dawn il-problemi psikoloġiċi tiegħu u l-problema tal-abbuż tal-alcohol, u mhux realistiku li l-imputat jirnexxielu jagħmel dan jekk ma jkunx fl-ambjent ikkontrallat tal-ħabs.

15. Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena idonea hija waħda ta' ħabs effettiv, li però, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, għandha tingħata lejn il-minimu tagħha.

**Konkluzjoni**

11. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Wara li rat l-Artikoli 251A(1)(a)(b), 251H(a)(b), 251AA, 251H(a)(b), 325(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu, u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, tikkundannah għal piena karċerarja ta' sentejn (2).

12. Il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Agenzija tas-Servizzi Korrettivi ghar-rapport tal-Ufficjal tal-Probation fuq citat, ghal kwalunkwe azzjoni li jidhirlu li ghandu jiehu fir-rigward.

13. Il-Qorti tordna li fi zmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma’ aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**